

Abbozz ta' proposta leġiżlattiva

Regolament li jipprojbixxi l-bejgħ ta' xarbiet enerġetiċi lil tfal taħt is-16-il sena

Awtorità statutorja: Stipulat mill-Ministeru tas-Saħħa u s-Servizzi tal-Kura [*data*] skont it-Taqsima 12 b'referenza għat-Taqsima 16 tal-Att Nru 124 tad-19 ta' Diċembru 2003 dwar il-produzzjoni tal-ikel u s-sigurtà fl-ikel eċċ. (l-Att Norveġiż dwar l-Ikel), ara d-Deċiżjoni ta' Delega 19 ta' Diċembru 2003 Nru 1790.

§ 1 Għan

L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jipproteġi lit-tfal taħt is-16-il sena mill-effetti negattivi tax-xarbiet enerġetiċi fuq is-saħħa.

§ 2 Kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jipprojbixxi l-bejgħ ta' xarbiet enerġetiċi lit-tfal taħt is-16-il sena minn negozji kif definit fit-Taqsima 4 (1) tal-Att Norveġiż dwar l-Ikel. Is-supplimenti tal-ikel huma eżentati mir-Regolament.

Dan ir-Regolament japplika wkoll għal Svalbard.

§ 3 Definizzjoni ta' xarbiet enerġetiċi

Xarbiet enerġetiċi: xarbiet mhux alkoħoliċi, inkluż trab jew pilloli li għandhom jinħallu f'likwidu, li fihom kafeina aktar minn 15 mg/100 ml meta jkunu lesti biex jinxtorbu. Dan ma jinkludix xarbiet ibbażati fuq il-kafè, it-te jew il-kawkaw u xarbiet li fihom il-kliem “kafè”, “te” jew “kawkaw”.

§ 4 Limitu tal-età

Il-bejgħ ta' xarbiet enerġetiċi lil persuni taħt is-16-il sena huwa pprojbit.

Jekk ikollu dubju dwar l-età tax-xerrej, il-bejjiegħ irid jitlob identifikazzjoni biex jivverifika li x-xerrej ikollu aktar minn 16-il sena.

Il-bejjiegħ ta' xarbiet enerġetiċi jrid ikollu aktar minn 16-il sena. Il-bejgħ xorta jista' jsir minn persuna taħt is-16-il sena jekk ikun hemm persuna ta' aktar minn 16-il sena li tkun qed tagħmel superviżjoni ta' kuljum bil-bejgħ.

§ 5 Superviżjoni u deċiżjonijiet

L-Awtorità Norveġiża dwar is-Sigurtà fl-Ikel tissorvelja u tista' tieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa biex timplimenta d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, ara t-Taqsima 23 tal-Att Norveġiż dwar l-Ikel.

§ 6 Kwarantina tan-negozju

Jekk in-negozji jonqsu milli jikkonformaw ma' ordnijiet sinifikanti jew jiksru b'mod serju d-dispożizzjonijiet mogħtija f'dan ir-Regolament jew skont dan ir-Regolament, l-Awtorità Norveġiża dwar is-Sigurtà fl-Ikel tista' ma taċċettax li n-negozju jniedi jew iwettaq attività waħda jew aktar għal perjodu aktar definit sa massimu ta' 6 xhur, ara t-Taqsima 25 tal-Att Norveġiż dwar l-Ikel.

§ 7 Multi koerċittivi

Jekk in-negozji jonqsu milli jikkonformaw ma' deċiżjoni individwali meħuda mill-Awtorità Norveġiża dwar is-Sigurtà fl-Ikel fi żmien skadenza stabbilita, l-Awtorità għandha d-dritt li timponi multa koerċittiva f'konformità mat-Taqsima 26 tal-Att Norveġiż dwar l-Ikel.

§ 8 Punizzjoni

Ksur intenzjonat jew neglġenti tad-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, jew deċiżjonijiet individwali maħruġa abbażi ta' dan ir-Regolament, huma punibbli f'konformità mat-Taqsima 28 tal-Att Norveġiż dwar l-Ikel.

§ 9 Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ (*data*).